MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 1711/1998/1

**Michael Falzon**

**Vs**

**Frans Ghirxi f'ismu personali u bhala Editur tal-Gurnal, L-Orizzort.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha gie premess illi l-konvenut Frans Ghirxi taha malafama lill-attur, kandidat fl-elezzjonijiet generali tal-5 ta' Settembru 1998, bl-artikolu intitolat '**Michael Falzon jistenna li jghaddi inkjesta',** li deher fis-suppliment elettorali tal-gurnal Orizzort, li tieghu l-konvenut huwa l-editur, tal-harga tat-Tlieta 18 ta' Awissu,

1998, billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku f'mument hekk krucjali tal-karriera politika tal-attur.

Premess illi bhala l-parti offiza huwa ghandu dritt ghad-danni hekk kif kontemplat mill-ligi tal-istampa (Kap.248 tal-Ligijiet ta' Malta);

Jghid ghalhekk l-attur ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti,

1. Tiddikjara li l-konvenut Frans Ghirxi, editur tal-gurnal L-Orizzort, ta malafama lill-attur, bl-artiklu intitolat **'Michael Falzon jistenna jghaddi inkjesta'**, li deher fis-supplement elettorali tal-gurnal Orizzort, li tieghu l-konvenut huwa editur, fil-harga tat-Tlieta 18 ta' Awissu, 1998, billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;

2. Tillikwida s-somma dovuta lill-attur bhala danni, u dan ai termini tal-ligi tal-istampa.

3. Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma likwidata minn din l-Onorabbli Qorti in linea ta' danni.

Bl-ispejjez kollha u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut** a fol. 10 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi nkwantu tharrek nomine ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

2. Illi ghal bqija, dak li ngib fil-istampat imsemmi hu semplici kumment fuq fatti u hemm ukoll id-diritto di cronaca.

3. Salvi eccezzjonijiet premessi mil-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat li ma saru ebda noti (fol. 206);

Rat li ma saret ebda talba ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur xehed li hassu ngurjat bl-artikolu kollu billi qed jaghti l-impressjoni li l-inkjesta li saret dwar il-kaz ta' Busietta Gardens kienet dwar l-agir personali tieghu, b'konnotati kriminali serja hafna, mentri fil-fatt kienet dwar jekk fil-process tal-hrug tal-permessi ta' Busietta Gardens kienx hemm xi haga rregolari.

F'parti ohra ta' l-artikolu hu gie komparat ma' Emanuel Camilleri l-*bully* u l-impressjoni li nghatat kienet li n-nies qed jistennew li hemm ohrajn u wara Emanuel Camilleri kien imissu Michael Falzon.

Hu oggezzjona wkoll ghal dik il-parti ta' l-artikolu li tghid li hu kien ivvinta gazzetta billi ma kienx tela' fl-elezzjoni u ma kellux x'jaghmel.

Hemm allegazzjoni ohra li meta nbidillu l-ministeru, dan kien kastig ta' Dr. Austin Gatt u ta' Richard Cachia Caruana, mentri fil-fatt kien hu stess li talab biex jinbidillu l-ministeru.

L-artikolu jsemmi wkoll li hu kien "jaf li fuq ghonqu ghandu mdenla x-xabla ta' inkjesta" meta fil-fatt l-inkjesta kienet kwazi diga lesta. Hu esebixxa s-sottomissjonijiet li kien ghamel bil-miktub dok a fol. 47 sa 56.

Fl-ahharnett l-attur semma li kien hemm allegazzjonijiet li peress illi l-pjanti kienu saru fl-ufficcju professjonali li

darba kien tieghu, allura kien hemm abbuz fil-hrug tal-permessi. Din kienet allegazzjoni, li hu dejjem cahadha.

Dr. Austin Gatt xehed li ma ttiehdu ebda passi dixxiplinarji kontra l-attur dwar l-operat tieghu. Dan gie konfermat minn Richard Cachia Caruana li xehed li l-attur qatt ma nghata xi kastig minghandu jew minghand Dr. Austin Gatt specjalment fuq l-operat tal-ministeru tieghu.

**Tikkunsidra**

Il-**Gately** (**"On Libel and Slander")** jiddefinixxi l-libell bhala "*Any written or printed words which tend to lower a person in the estimation of a right-thinking man or cause him to be shunned or avoided or expose him to hatred, contempt or ridicule".*

Jigifieri l-attur irid jipprova li l-artikolu mxandar hu ngurjuz.

Il-konvenut eccepixxa li dak li ngib fil-istampat imsemmi hu semplici kumment fuq fatti u hemm ukoll id-*diritto di cronaca*.

Biex jissusisti dan id-dritt ta' kronaka u jkun gustifikat jehtieg li (1) ikun hemm interess pubbliku oggettiv biex isir jaf l-ahbar (kronaka u mhux pettegolezzi); (2) il-fatt li jigi rapportat irid ikun vera cjoe jrid jikkorrispondi mar-realta'; (3) l-esposizzjoni narrativa tal-fatt trid tkun oggettiva u *fair*.

Illi l-fatti li fuqhom wiehed jista jaghmel kumment iridu jkun veritjeri u jkunu sostanzjalment korretti.

Il-konvenut ma xehdex f'dina l-kawza u esebixxa biss fotokopja ta' parti mill-ktieb l-Iskandli tal-PN - Ir-rapport ta' Edgar Mizzi, fl-intenzjoni li juri li dak li hu kiteb fl-artikolu hu bazat fuq rapport li kienet ppreparat Dr. Edgar Mizzi u l-pariri tieghu.

Il-konvenut stess jirrikonoxxi li dina ma kienitx l-ahjar prova u kien jispetta lilu li jressaq l-ahjar prova. L-attur ma

kienx obbligat li jgib ir-rapport ta’ Dr. Edgar Mizzi billi l-oneru ma kienx fuqu.

Il-konvenut, tramite dana d-dokument qed isostni li, kif hemm imsemmi fl-artikolu, l-investigazzjoni ta’ Dr. Mizzi ma kienitx biss fuq il-process tal-hrug tal-permess ta’ Busietta Gardens imma anke l-involviment ta’ l-attur. Inoltre skond il-konvenut Dr. Mizzi kien ta parir li ssir inkjesta b’Imhallef u kien ghal dina l-inkjesta pendenti li huwa kien qed jirreferi fl-artikolu. L-istess ghal dak li rrizulta lill Dr. Mizzi fuq l-ufficju professjonali ta’ l-attur.

Izda kif diga ntqal il-konvenut ma gabx l-ahjar prova, imma biss parti minn ktieb mahrug mid-Dipartiment tat Taghrif tal Paritit Laburista u li huwa rrepeta partijiet minnu. Din l-prova setghet kienet disponibbili ghall konvenut izda hu ghazel li jillimita ruhhu ghal dak li ntqal fil-ktieb. Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-konvenut ma ppruvax dak li hu eccepixxa.

Izda anke kieku l-Qorti kellha taccetta li l-konvenut kien qed jikkummenta biss fuq ir-rapport ta Dr. Edgar Mizzi, pero mill-artikolu nkriminat hemm fatti ohra, li m’humiex korretti u gew negati mill-attur u mix-xhieda li huwa pproduca u li jaghmlu l-artikolu malafamanti.

Kemm Dr. Austin Gatt kif ukoll Richard Cachia Caruana xehedu li ma ittiehdu ebda passi dixxiplinarji kontra l-attur dwar l-operat tieghu. L-attur xehed u ma giex kontradett, li kien tbiddillu l-ministeru tieghu fuq talba tieghu stess.

Inoltre l-parti l-ohra ta’ l-artikolu fejn jissemma li wara Leli l-bully speci kien imiss lill attur, hija injurjuza wkoll.

Il-parti l-ohra li l-attur oggezzjona ghaliha dwar l-hrug ta’ gazzetta gdida, hija kritika ammissibbili s’socjeta demokratika.

L-ewwel eccezzjoni tal-konvenut qed tigi milqugha billi l-attur tharrek bhala editur tal-gurnal.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi billi
tiddikjara li l-konvenut Frans Ghirxi, editur tal-gurnal L-Orizzort, taha malafama lill-attur, bl-artikolu ntitolat **'Michael Falzon jistenna jghaddi inkjesta'**, li deher fis-supplement elettorali tal-gurnal L-Orizzont, fil-harga tat-Tlieta 18 ta' Awissu, 1998, billi attribwielu fatti determinati bl-iskop li joffendu l-unur u l-fama tieghu u jesponuh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku;
Tillikwida s-somma ta' tmien mitt lira Maltin (Lm800) bhala dovuta lill-attur bhala danni, u dan ai termini tal-ligi tal-istampa.
Tikkundanna lill-konvenut biex ihallas lill-attur is-somma likwidata in linea ta' danni.
Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------